**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 625/01**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti ta' SIAT kif surrogati fid-drittijiet ta' Zammit & Cachia Ltd**

**vs**

**Gollcher Company Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm 1437.94 (elf, erba mija u sebgha u tletin lira Maltin u erba u disghin centezmu) rapprezentanti merkanzija importata gewwa Malta mis-socjeta Zammit & Cachia. Is-socjeta konvenuta kienet inkarigata mit-trasport. Meta waslet il-merkanzija f'Malta kien hemm nuqqasijiet. Is-socjeta' attrici hallset

lill-assigurat taghha u giet surrogata fid-drittijiet taghha. Il-bastiment wasal f'Malta fis-16 ta' Awissu 2000, Bill of Lading anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra bonarja datat 11 ta' Mejju 2001.

It-Tribunal gie mitlub jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici Lm1437.94 (elf, erba mija u sebgha u tletin lira Maltin u erba u disghin centezmu) ghar-ragunijiet premessi.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Is-socjeta konvenuta tichad kwalunkwe responsabbilta ghall-ammont pretiz billi effettivament giet konsenjata l-merkanzija kollha lilha konsenjata u indikata fuq il-polza ta' karigu relattiva.

Minghajr pregudizzju ghall-premess kwalunkwe responsabbilta li talvolta tista tigi stabbilita fil-konfront taghha hija limitata fil-kuntratt ta' garr kif rifless fl-istess polza ta' kariku.

Sema ix-xhieda u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ghandu jinghad li dan il-kaz huwa karatterizzat minn nuqqas ta' xhieda u dokumenti essenzjali ghal soluzzjoni ta' din il-vertenza u allura t-Tribunal irid ta' bilfors jigbed il-konkluzzjonijiet tieghu minn dak lilu prezentat u sottomess oralment.

L-assikurat tas-socjeta attrici jallega li ordna, minbarra l-lews, u dried pineapples, mangoes, mangosteens u pecans. Ingiebet prova unikament fuq il-lewz li tghabba f'Rotterdam, bill of lading Dok A mal-avviz u dokument GC1 li jirrifletti l-konsenja. Freightcon Int BV – rappresentati minn Gollcher – is-socjeta' konvenuta iddikjaraw li rcevew u ghabbew 2 pallets X 2360 kgs Californa almonds konsistenti f'100 karton. L-uniku dokument li jindika oggetti ohra huwa d-dokument doganali li jintalab mill-importatur. Ir-relazzjoni tieghu mal-Kontrollur tad-Dwana mhux qeghda ghall-iskrutinju ta' dan it-Tribunal.

L-ufficjal rilaxxjatarju Dok JB2 jindika xi hsara jew short shipped dak li kellu jigi dikjarat ma' dak li effettivament wasal u ra. Freightcon jiddikjaraw li rcevew 2 X 50 kartons – 100 kgs. Ma indikaw xejn izjed li setghu kienu bi hsara. Ictu oculi xejn fuq il-bill of lading. Il-fatt tal-'small print clause' li s-socjeta konvenuta tallega li teziminha minn kull responsabbilta ma tagevolahiex. Kieku l-principal taghha rceva z-zewg pallets mhux fil-propria

kondizzjoni kien jaghmel rimarka zghira a tempo vergine.  Aktar u aktar meta dan ix-xoghol jitghabba go container tieghu stess, jingibed biz-ziemel, tghabba fuq il-vapur li tieghu l-konvenut huwa l-agent, twassal fil-Bonded Store tieghu f'Hal Far u inhatt minnhom stess.  Meta nhattu hawn Malta, gew mghoddija n-numru taghhom peress li ma kienx shrink packed.

Freightcon ghandhom ghalhekk jirrispondu talli naqsu li jikkonsenjaw il-mitt (100) karton li suppost huma rcevew f'zewg pallets f'Rotterdam.  Ma jistghux jirrispondu ghal 52 karton ta' dried fruit/lews li qatt ma gew lilhom konsenjati.

Illi relattivament ghal valutazzjoni tal-merkanzija, il-partijiet ma kienu xejn ta' ghajnuna ghat-Tribunal.  La ngabet prova mis-socjeta' attrici ta' kif waslu ghal valur minnhom reklamat u wisq anqas il-konvenut kien jissuffraga t-tieni eccezzjoni tieghu.  Ma jirrizulta xejn mill-kopji provduti.

Hawn ukoll f'dan ir-rispett iz-zewg partijiet huma monki fil-provi u dokumentazzjoni.  A bazi ta' liema komputazzjoni u valur jew stima mill-attur, dan ma jirrizulta minn imkien.  Biex wasal dan, it-Tribunal kellu jixtarr biex jasal ghal valur ta' Lm624 moghti mill-fizzjal doganali li rrilaxxja.  Bhala dazju u freight charges qed

tizdied ukoll ‘arbitrio boni viri’ is-somma ta’ 30% (mahduma fuq il-piz li suppost intbaghet fuq dak li gie effettivament konsenjat) mas-somma li thallset allura ghandu jkun hemm rifuzjoni ta’ Lm90 (disghin lira Maltin), allura s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm624 (sitt mija u erba u ghoxrin lira Maltin) u Lm90 (disghin lira Maltin) b’kollox Lm714 (seba mija u erbatax il-lira Maltin).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm714 (seba mija u erbatax il-lira Maltin), bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-istess socjeta’ konvenuta.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**